# IL-MOSTA FL-EWWEL ŻMIEN TAL-PARROĊĊA (1608-1668)

Alexander Bonnici OFM Conv., HED, SThL, PhB.

**Bidu Diffiċli: 1608-1610**

Bħal ta' tant postijiet oħra, għall-Mosta wkoll il-bidu kien wieħed diffiċli. Inqatgħet min-Naxxar fl-1608. F'dak iż-żmien, kien hemm madwar 900 ruħ imqassmin f'180 familja. Il-knisja ta' Santa Marija Assunta kienet waħda ċkejkna. Ma kellhiex ħlief artal wieħed. L-Isqof Gargallo mar iżurha uffiċjalment fit-30 ta' Mejju, 1608. Dan kien ftit xhur qabel ma ħa d-deċiżjoni li jaqtagħha għaliha bħala parroċċa. Kienet tagħmel min-Naxxar. Imma, mhux biss kien hemm il-bogħod, it-triq waħdanija li kienet twassal għal dik il-knisja parrokkjali tan-Naxxar kienet imħarbta ħafna. L-artal tal-knisja ċkejkna tal-Mosta kellu warajh kwadru li juri l-misteru ta' l-Assunzjoni ta' Marija. Madwar il-knisja kien hemm ċimiterju kbir. Il-kappillan tan-Naxxar, Dun Ġiljan Borg, ippermetta li jsir il-quddies f'dik il-knisja, b'kondizzjoni li l-ġbir kollu li jsir imur għall-knisja parrokkjali tiegħu. Il-knisja ta' l-Assunzjoni tal-Mosta ma kellhiex ħlief biċċa art waħda, li minnha kienet iddaħħal xi renti. [1] F'dik il-viżta ta' Gargallo ma kienx fadal ħlief tliet xhur u nofs biex joħroġ id-digriet tal-parroċċa. Ħareġ fis-16 ta' Settembru, 1608. Imma qabel ma miet il-kappillan tan-Naxxar, l-imsemmi Dun Ġiljan Borg, id-digriet ma ġiex esegwit. Kien l-istess viċi-parroku tan-Naxxar li mar bħala l-ewwel kappillan tal-Mosta. Dan kien **Dun Ġwann Bezzina.** Beda l-ħidma pastorali tiegħu fis-16 ta' Lulju, 1610. Tul il-parrokat ta' seba snin biss ,Bezzina ħa ħsieb iqabbad lil Tommaso Dingli,



*L-Isqof Fra Thomas Gargallo (1578-1614)*

l-aqwa arkitett ta' żmienu, biex jieħu ħsieb il-bini tal-knisja parrokkjali. Hu bena knisja artistika li tlestiet fl-1614. Bezzina mexxa sal-mewt li ġiet fuqu fid-29 ta' Novembru, 1617. [2]

## Il-Knisja ta' l-Ewwel Żmien

Il-knisja ta' Dingli ma tantx kellha tibdil fl-istruttura tagħha sakemm sfortunatament ma twaqqgħetx għal kollox biex inbniet dik ta' Grognet. Imma l-artali, il-kwadri u l-ornamenti tagħha għaddew minn xi tibdil. F'kitba oħra, kont wassalt tagħrif dwar il-knisja kif kienet fl-1744. [3] Illum, nersaq iżjed lejn il-bidu tagħha, mingħajr ma nirrepeti dak li diġà nkiteb. Il-ħsieb hu li nintrabat ma' żewġ viżti pastorali li kienu qrib xulxin: dawk tal-1666 u 1668. It-tieni waħda hi imprezzabbli. Fl-1666 fil-Mosta kien qed imexxi t-tielet kappillan. It-tieni wieħed kien **Dun Salv Muscat**, li mexxa mill-1618 sal-mewt tiegħu li kienet fl-1647. It-tielet kappillan kien **Dun Karlu Schembri.**



*Il-Knisja Parrokkjali ta' l-Arkitett Tommaso Dingli, li tlestiet fl-1614.*

Is-sena 1666 ma kenitx waħda sabiħa għall-knisja ta' Malta. Fil-5 ta' Diċembru, 1663 kien miet l-Isqof Balaguer. Malajr tefgħu għajnejhom fuq Mons. Luqa Buenos, Arċisqof titulari ta' Tessalonika. Imma dan sabha diffiċli biex jaċċetta għax ir-Re ta' Spanja ried jimponi fuqu taxxa qawwija ta' 2,200 skud. Il-qagħda

tad-djoċesi kienet bi problemi kbar. Malta kellha ddum iżjed minn tliet snin bla Isqof. Għalhekk, fl-1666 il-Vigarju Kapitulari, Mons. Domenico Attard, fi żmien ta' episkopat vakanti, tgħabba bil-piż ta' viżta pastorali tad-djoċesi.

**1666-1668: Żewġ Viżti Pastorali**

Il-viżta tal-Vigarju Kapitulari Attard ma tinżilx f'ħafna dettalji. Dwar il-knisja fiha nnifisha, hu ma kellu xejn x'jikkritika. Kellu xi kritika dwar il-post fejn kien hemm l-artal tal-kor bil-kwadru titulari ta' l-Assunta. Taħt dak l-artal, kien hemm xi twieqi jarmu d-dawl. Il-Vigarju ordna li jiġu mbarrati u, sakemm ma jsirx dak ix-xogħol, fuq dak l-artal ma jsirx quddies. [4] Biex nagħtu ftit tagħrif dwar l-artali, nistgħu nħarsu lejn żewġ viżti pastorali flimkien: dik ta' Attard u l-oħra ta' Buenos. Mons. Luqa Buenos kien aċċetta li jsir Isqof ta' Malta, u jibqa' Arċisqof titulari ta' Tessalonika wkoll. Dan kien fl-aħħar tal-1666. Għalhekk, fl-1667, hu beda l-ewwel viżta pastorali tad-djoċesi. Fil-Mosta, hu mar fit-18 ta' Mejju, 1668.


*L-Arċisqof-Isqof Fra Luqa Buenos (15.12.1666 - 7.9.1668) Ħajr: Kollezzjoni Chev. Joseph Borg.*

**Il-Festa Titulari ta' l-Assunta**

Il-festa titulari kienet waħda liturġika biss, bħal f'postijiet oħra. Qassis magħruf ta' dak iż-żmien kellu rabta mal-festa ta' l-Assunta. Dan kien **Dun Salv Fenech,** qassis imwieled il-Mosta fis-16 ta' Novembru, 1620, u mgħammed f'din il-parroċċa fid-19 tax-xahar. [5] Sa dak iż-żmien, hu kien għadu qed jgħix bħala qassis tal-Mosta bla ħafna nkwiet. Hu kellu biċċa art tal-knisja, f'qasam imsejjaħ **Tal-Ħalja.** Minħabba f'hekk, hu ġie mgħobbi bil-piż li jaħseb għall-kant ta' l-ewwel għasar f'lejliet l-Assunta, u mbagħad, iqaddes fil-knisja parrokkjali quddiesa letta nhar il-festa titulari. [6] Dan kellu jkun wieħed mill-qassisin l-iżjed magħrufin tal-Mosta. Għal ħafna snin, Fenech kien inkarigat mit-tagħlim tal-Għarbi għal dawk li kienu jkunu sejrin il-missjoni. Hu għadda wkoll minn ħafna nkwiet għaliex, fl-1676, laħaq kappillan l-Isla, tneħħa fl-1678, raġa' sar fl-1688, imma miet malajr fil-5 ta' Jannar, 1689, u ndifen fil-korsija

tal-knisja parrokkjali tal-Mosta. [7]
Kien żmien meta n-nies tal-Mosta bdew juru venerazzjoni speċjali lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' l-Assunta. Għalhekk, waqt il-viżta tal-1668, kien qed joqrob iż-żmien li l-kwadru titulari jinbidel, biex isir wieħed ġdid, li mbagħad fi żmienna rajnieh jiġi nkurunat. [8]

**Daqqa ta' għajn lejn il-Knisja**

Bħala frott ta' legati u ta' devozzjonijiet, fil-knisja bdew jiddendlu lampieri quddiem l-artali kollha. Kienu jixegħluhom biż-żejt fi ġranet stabbiliti. F'dawn is-snin 1666-1668, il-kwadri ta' **San Kosma u San Damjan** ma kenux f'ġenb ta' artal ieħor, kif narawhom iżjed 'il quddiem. Kien hemm artal iddedikat għalihom. [9] Biż-żmien, l-artal spiċċa. L-artal li, iżjed tard, kien magħruf bħala ta' San Rokku, sa dan iż-żmien kien jissejjaħ ta' **San Bastjan u San Rokku.** [10] Meta nkiteb dwar l-artal ta' San Ġużepp, saret deskrizzjoni aħjar tal-kwadru. Sal-1666, kien għadu jissejjaħ **Santa Marija ta' l-Eġittu** għax, fil-fatt, kien juri 'l San Ġużepp, il-Madonna u l-Bambin qed jaħarbu lejn l-Eġittu. [11] Imma, fl-1668, issejjaħ sempliċement ta' **San Ġużepp.** [12]

Fl-1668, żewġ artali ma kenux f'qagħda tajba. Dawn kienu, a) ta' San Rokku u San Bastjan u, b) tal-Madonna tal-Grazzja. Għalhekk, iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies fuqhom ġiet provviżorjament sospiża. [13]



*Il-knisja ta' **San Silvestru** li nbniet fl-1664 mill-Kavallier Silvestru Fiteni. (Ritratt: Ruben Chetcuti)*

**Il-Knejjes tal-Mosta**

Ftit snin qabel, u eżattament fis-sena 1664, kienet għadha kif inbniet il-knisja ta' San Silvestru. [14] Fid-deskrizzjoni tal-knejjes tal-1668 ma titqiesx fost dawk li kienu jiddependu mill-kappillan tal-Mosta. Imma l-kappillan Schembri semmieha meta tkellem ma' l-Arċisqof Buenos. Meta tkellem dwar il-frekwenza tas-

sagramenti, hu qal li kien hemm ċertu numru ta' nies li kienu jmorru fil-knisja ta' San Silvestru. [15]

Il-kanċellier tal-viżta ta' Buenos niżżel ftit tagħrif dwar dawn il-knejjes:

i. *San Leonard:* b'amministratur kellha lil Dun Ġwann Mangion; imma tneħħielu l-permess li jibqa' jqaddes fiha.
ii. *Il-Viżitazzjoni tal-Verġni Mbierka:* kien jieħu ħsiebha ċertu Ġakbu Busuttil; quddies fiha ma kienx jista' jsir.
iii. *Il-Kunċizzjoni tal-Verġni Marija:* din ma kenitx fiċ-ċentru; kienet f'post imsejjaħ "Andar il-Blat." Brejtu Busuttil kien il-fundatur u l-prokuratur tagħha; imma l-qagħda kienet ħażina, u għalhekk ġiet ipprofanata.
iv. *Sant' Anton:* bħala prokuratur kellha 'l Marku Borg.
v. *Santa Margerita:* din titqies li kienet lejn it-tarf tat-territorju tal-parroċċa; fiha kien hemm ħafna oqbra. Kienet f'idejn il-kjerku Xmun Fenech, minn Ħaż-Żebbuġ, li kien jixgħel fiha lampier f'xi ġranet stabbiliti. Fil-qrib tagħha, kien hemm ċimiterju li fih kienu ġew midfunin dawk li kienu mietu bil-pesta u b'mard ieħor li jittieħed. Il-kappillan ilmenta li f'dik il-knisja ma kenux qed jagħtuh id-drittijiet tiegħu. [16]

## Osservazzjonijiet għall-Kleru

Il-Mosta ta' dak iż-żmien kellha minbarra l-kappillan, disa' qassisin. Ma' ismijiethom, meta hi magħrufa, indaħħlu s-sena ta' meta ġew ordnati qassisin. Kienu dawn: Dun Xmun Guevara (1666), Dun Salv Fenech (1644), Dun Ġakbu Chetcuti, Dun Ġwann Mangion (1666), Dun Ġamri Xerri (1656), Dun Dumink Xerri (1646), Dun Xmun Bartolo (1653), Dun Dumink Xerri ieħor (1665), u Dun Indrì Busuttil (1664). Kien hemm ukoll żewġ kjerċi bit-tonsura biss u li ma kenux se jkomplu għal qassisin. Kienu l-kjerku Ġamri Bonello (li ġie mogħti t-tonsura fl-1660) u l-kjerku Bertu Schembri (bit-tonsura mill-1649). [17]

Il-viżta pastorali ta' l-Isqof kienet okkażjoni biex isiru l-osservazzjonijiet meħtieġa. Lill-knisja parrokkjali tal-Mosta, sarulha dawn:

i. Għall-quddiesa, ma jistax jintuża l-imbid aħmar; min ma jobdix jisfa minnufih sospiż.
ii. Kull qassis ikollu sitt purifikaturi li jkun tiegħu personalment.
iii. Il-kalċijiet tal-knisja parrokkjali ma jistgħux jittieħdu fi knisja oħra biex iqaddes bihom xi ħadd ieħor.
iv. Wieħed mill-kalċijiet hu qadim sewwa; dan għandu jiġi ndorat minn ġewwa u minn barra fi żmien sitt xhur.
v. Kull nhar ta' Ħadd u fi ġranet festivi tal-preċett, għandha tiġi ċelebrata quddiesa kantata; din tkun il-parrokkjali; jattendu għaliha l-qassisin kollha, bil-berrettin f'rashom u bl-ispellizza. Jattendu b'dan il-mod anki għall-Uffiċċju Divin f'dawk il-ġranet.

vi. L-ebda qassis ma jista' joħroġ idur mar-raħal mingħajr ma jkollu l-kappell f'rasu. Min jonqos, jingħata xi kastig skond kif jidhirlu l-Isqof. [18]

**Il-Poplu u l-Ħajja Nisranija tiegħu**
Fl-1668, fil-limiti tal-parroċċa tal-Mosta kien hemm 1280 ruħ. Dawn kienu mqassmin fi 319-il familja. Ħafna minnhom kienu bdiewa. Kienu kollha hekk dawk li kienu joqogħdu lejn it-tramuntana li kien jasal sal-Mellieħa. Imma numru mhux ħażin ta' oħrajn kienu qed jintefgħu fuq il-kummerċ.
Ħafna kienu jmorru għall-ewwel quddiesa msejħa "Tas-Sebħ". Għalhekk, kienu ftit wisq dawk li kienu jattendu għall-quddiesa parrokkjali, li kienet iżjed solenni. Għall-quddies, kien hemm id-drawwa li jkunu ħafna dawk li jattendu fl-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar. Imbagħad, ftit kienu jonqsu fil-festi l-iżjed kbar. Il-festi li jissemmew mill-kappillan kienu: il-Milied, l-Għid il-Kbir, l-Għid il-Ħamsin, Korpus, u b'mod speċjalissmu l-festa ta' Marija Assunta. Imma, fil-festi l-oħrajn tal-qaddisin, ftit kienu li jisimgħu l-quddiesa.
In-nies tal-Mosta kollha kienu jqerru u jitqarbnu fi żmien il-Għid il-Kbir. Imma kien hemm ħafna li kellhom bżonn ta' twissija għax ma tantx kienu qed imorru għall-katekiżmu. Il-kappillan kien qed jagħfas l-iżjed mal-ġenituri. Il-katekiżmu kien jiġi mgħallem b'mod speċjali, waqt il-quddiesa parrokkjali. [19]

**Theddida kontra Skandlu**
Waqt il-viżta ta' Buenos, kien hemm ammonizzjoni waħda li saret b'severità li llum lanqas biss ma nistgħu noħolmuha. Pietru Dimech kien qed jgħix mifrud minn martu Katarin. Jidher ukoll li l-ħajja morali tagħhom xejn ma kienet ta' min ifaħħarha. Kien hemm l-akkużi ta' xi skandlu. Għalhekk, Dun Merkurju Attard, bħala promotur fiskali ġenerali, f'isem l-Arċisqof Buenos, għamel twissija b'theddida serja.
Pietru u Katarin Dimech ġew obbligati biex jerġgħu jibdew jgħixu taħt saqaf wieħed. B'mod speċjali, huma kellhom jgħixu ħajja tajba. Pietru ġie mwissi li, jekk ikun ħati ta' xi skandlu f'imġiebtu, jiġi kkundannat biex imur jaqdef għal tliet snin sħaħ fuq xini ta' l-Ordni ta' San Ġwann, mingħajr ebda ħlas, u b'saqajh marbutin bil-ktajjen.
Katarin Dimech ġiet imwissija li, jekk ma ġġibx ruħha tajjeb, tiġi msawta bil-ħbula, u tisfa eżiljata minn Malta għal erba' snin sħaħ. [20]
Niftakru li, f'dak iż-żmien, f'Malta kien hawn tliet awtoritajiet li kellhom is-setgħa li jikkundannaw fil-qrati partikulari tagħhom. Dawn kienu l-Gran Mastru, l-Isqof, u l-Inkiżitur.

DOKUMENTAZZJONI

1. AAM, *VP* (Gargallo), VI (1608), ff. 356r-357r.
2. A. Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese,* 1866, pp. 462, 469.

3. Ara Alex. Bonnici, "Il-Knisja Parrokkjali tal-Mosta li kienet nbniet minn Tommaso Dingli," *Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard - Mosta,* 1992, pp. 66-71.
4. AAM, *VP,* 19 (Attard), f. 250v.
5. APM, *Bapt et Def.,* I (1611-1640), 19/11/1620.
6. AAM, *VP,* 20 (Buenos), f. 739v.
7. A. Bonnici, *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta,* v.II, 1992, p. 246; *L-Isla,* v.II, pp.115-20, 150-51; APM, *Def.*, II, ff.104-105.
8. AAM, *VP*, 20, f. 740r; fejn jingħad: "venerabiliter detentum."
9. *Ibid.,* f. 740v.
10. *Ibid.*
11. *Ibid.*, 19, f. 251r.
12. *Ibid.,* 20, f. 711r.
13. *Ibid.*, ff. 740r-741r.
14. E.B. Vella, *Storja tal-Mosta,* 1972, p. 86.
15. AAM, *VP*, 20, f. 745r.
16. *Ibid.*, ff.741r-742v.
17. *Ibid.*, f.744r-v.
18. *Ibid.*, f.743r.
19. *Ibid.*, f.745r.
20. *Ibid.*, f. 743r.

XI ABBREVJAZZJONIJIET

AAM: Arkivju Arciveskovili ta' Malta
APM: Arkivju Parrokkjali tal-Mosta
Bapt. et. Def.: Magħmudijiet u Mejtin
VP: Viżti Pastorali

Arthur's PHOTO and VIDEO service

16 Xorxa Street, Mosta
Tel: 432996
For Weddings, Engagements, Parties, etc. etc.